# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 55

Il-Ġimgħa 7 t'Ottubru 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ġimgħa 7 t'Ottubru 2022 fin-12.30pm.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

55.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi informa lill-Kunsill li ser ikun indispost filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil qed parteċipi għal din il-laqgħa virtwalment. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 55.2 Proġett Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar;

55.2.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva rapport dettaljat mill-Perit tal-proġett tax-xogħlijiet li qed isiru fuq il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja. Dan ir-rapport jinkludi estimi tal-varjazzjonijiet finali li ser ikun hemm fir-rigward ta' dan il-proġett, kif ukoll il-ġustifikazzjonijiet korrispondenti. L-ammont stmat ta' varjazzjonijiet ilaħħaq is-somma totali ta' €276,105.18. Dan l-ammont ifisser 19% f'xogħlijiet bi kwantitajiet addizzjonali li l-Kunsill kellu r-rati tagħhom fil-kuntratt u 30% f'xogħlijiet ġodda, liema persentaġġi jaqgħu fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt. Is-Sindku spjega li għalkemm dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Ministeru Għal Għawdex, il-Kunsill xorta waħda jrid jottjeni l-approvazzjoni tad-Direttur tal-Gvern Lokali. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

### 55.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

55.3.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-12.45pm u kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għall-Ħamis 20 t'Ottubru 2022.

Konfermati illum, il-Ħamis 20 t'Ottubru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR